

## Rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti

Dan id-dokument għandu l-iskop li jispjega f'termini sempliċi ir-rekwiżiti prinċipali għas-sustanzi fl-oġġetti.

Verżjoni 3.0  
Diċembru 2017



## AVVIŻ LEGALI

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti lill-utenti fil-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament REACH huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

<b>Referenza:</b>	ECHA-17-G-26-MT
<b>Numru tal-Kat.:</b>	ED-05-17-184-MT-N
<b>ISBN:</b>	78-92-9020-223-3
<b>DOI:</b>	10.2823/811996
<b>Data tal-pubblikazzjoni:</b>	Diċembru 2017
<b>Lingwa:</b>	MT

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tipproduċi verżjonijiet "issimplifikati" tad-dokumenti ta' gwida ta' REACH sabiex id-dokumenti ta' gwida ta' REACH korrispondenti ppubblikati mill-Aġenzija, ikunu magħmulin iktar aċċessibbli għall-industrija. Bħala sommarji qosra, dawn id-dokumenti ma jistgħux jinkludu d-dettalji kollha inklużi fid-dokumenti ta' gwida sħaħ. Għaldaqstant, f'każ ta' dubju, huwa rrakkomandat li jiġu kkonsultati d-dokumenti ta' gwida sħaħ għal iktar informazzjoni.

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2017

F'każ li jkollok xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Tista' taċċessa l-formola għat-talba għal informazzjoni permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq: <http://echa.europa.eu/contact>.

### L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland  
Indirizz taż-żjarat: Annankatu 18, Helsinki, il-Finlandja

## Werrej

<b>1. INTRODUZZJONI .....</b>	<b>4</b>
<b>2. ESSENZJALI LI WIEĦED GĦANDU JIFHEM .....</b>	<b>4</b>
2.1 X'inhu oġġett?.....	4
2.2 X'inhu rilaxx intiż ta' sustanzi minn oġġetti? .....	5
2.3 X'inhuma s-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati? .....	5
<b>3. MIN JISTA' JKOLLU OBBLIGI GĦAL SUSTANZI FL-OĠĠETTI SKONT REACH?.....</b>	<b>5</b>
3.1 Kumpaniji li jipproduċu l-oġġetti.....	5
3.2 Kumpaniji li jimportaw l-oġġetti .....	5
3.3 Kumpaniji li jfornu l-oġġetti .....	6
<b>4. X'INHUMA L-OBBLIGI GĦAS-SUSTANZI FL-OĠĠETTI SKONT REACH?.....</b>	<b>6</b>
4.1 Rekwiżiti għas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti: .....	9
4.1.1 Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti .....	9
4.1.2 In-notifika tas-sustanzi fl-oġġetti.....	9
4.2 Rekwiżiti għal sustanzi maħsuba li jiġu rrilaxxati minn oġġetti.....	10
4.2.1 Ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi fl-oġġetti.....	10
<b>5. GWIDA PRATTIKA BIEX JIĠU IDENTIFIKATI REKWIŻITI GĦAS-SUSTANZI FL-OĠĠETTI.....</b>	<b>11</b>
5.1 Id-determinazzjoni ta' jekk prodott ikunx oġġett jew le .....	11
5.2 Id-determinazzjoni ta' jekk rilaxx ta' sustanza huwiex intiż jew le.....	13
5.3 Determinazzjoni tal-konċentrazzjoni u tat-tunnellaġġ ta' sustanza fil-Lista ta' Kandidati f'oġġetti .....	13
5.4 Determinazzjoni ta' jekk japplikawx eżenzjonijiet mill-obbligu tan-notifika.....	14
<b>6. KIF TIKKONFORMA MAD-DMIR LI TIKKOMUNIKA L-INFORMAZZJONI DWAR IS-SUSTANZI FL-OĠĠETTI.....</b>	<b>15</b>
<b>7. MINN FEJN ISSIB AKTAR GWIDA .....</b>	<b>16</b>

## Werrej tal-Figuri

Figura 1: Tipi ta' prodotti kumplessi.....	5
Figura 2: Il-proċessi ġenerali għall-identifikazzjoni tal-obbligi għal sustanzi fl-oġġetti skont l-Artikoli 7 u 33.....	8
Figura 3: Flowchart li tispjega l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni dwar jekk prodott huwiex oġġett jew le .....	12

## Werrej tat-Tabelli

Tabella 1: Obbligi għas-sustanzi fl-oġġetti .....	6
Tabella 2: Xenarji li juru kif tiddetermina l-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati (w/w) fl-oġġetti .....	13

## 1. Introduzzjoni

Din il-Gwida fil-Qosor tispjega fil-qosor id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) li japplikaw għal sustanzi fl-oġġetti.

Din il-Gwida fil-Qosor hija mmirata lejn il-manigġers u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-kumpaniji li jipproduċu, jimportaw u/jew ifornu oġġetti fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE, iżda minn issa 'l quddiem imsejħa sempliċiment "UE")<sup>1</sup>, b'mod partikolari jekk dawn ikollhom ftit esperjenza f'affarijiet regolatorji relatati mas-sustanzi kimiċi. Il-qari ta' dan id-dokument ser jagħtihom iċ-ċans li jiddeċiedu jekk ikollhomx bżonn jaqraw il-Gwida sħiħa dwar ir-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti jew le, sabiex jidentifikaw l-obbligi tagħhom skont REACH fir-rigward ta' sustanzi fl-oġġetti.

Il-kumpaniji stabbiliti barra mill-UE jistgħu jużaw din il-Gwida fil-Qosor biex jifhem r-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti li l-importaturi tal-prodotti tagħhom fl-UE għandhom jissodisfaw.

## 2. Essenzjali li wieħed għandu jifhem

### 2.1 X'inhu oġġett?

Ħafna mill-prodotti użati ta' spiss fid-djar u fl-industrija huma nfushom ikunu oġġetti (eż. mgħaref tal-plastik individwali, siġġijiet tal-ġardina fformati bl-injezzjoni), jew oġġetti inkorporati (eż. sufan, vettura, arloġġ, tagħmir elettroniku). Ir-Regolament REACH jagħti d-definizzjoni ta' oġġett bħala "prodott li matul il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw l-funzjoni tiegħu sa grad akbar milli tagħmel il-kompożizzjoni tiegħu".

F'dan ir-rigward, il-forma, il-wiċċ u d-disinn ta' prodott jirrappreżentaw l-apparenza fiżika tiegħu u jistgħu jinftiehem bħala proprjetajiet differenti minn karatteristiċi kimiċi. Il-**forma** tfisser il-forma tridimensjonali ta' prodott, bħall-fond, il-wisa' u l-għoli. Is-**superfiċje** tfisser is-saff estern ta' prodott. Id-**disinn** tfisser l-arranġament jew it-taħlita tal-"elementi tad-disinn" b'tali mod li jkun jista' jinkiseb bl-aħjar mod skop partikolari tal-prodott, b'kunsiderazzjoni fost l-oħrajn tas-sikurezza, tal-utilità/tal-konvenjenza, tad-durabilità u tal-kwalità.

It-terminu "**funzjoni**" fid-definizzjoni ta' oġġett jenħtegi li jiġi interpretat bħala wieħed li jfisser l-iskop maħsub li għalih għandu jintuża prodott. F'dan is-sens, pereżempju, il-funzjoni ta' cartridge tal-printer hija li jpoġġi l-linka fuq il-karta, u l-funzjoni ta' batterija hija li tipprovdi kurrent elettriku.

Oġġetti li huma mmuntati jew magħquda flimkien jibqgħu oġġetti, diment li jżommu forma, superfiċje jew disinn speċjali, li hi xi ħaġa iktar deċiżiva għall-funzjoni tagħhom milli l-kompożizzjoni kimika tagħhom, jew diment li ma jsirux skart<sup>2</sup>.

F'din il-gwida u fil-verżjoni sħiħa tal-*Gwida dwar ir-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti*, it-terminu "**prodott kumpless**" jirreferi għal kwalunkwe prodott magħmul minn aktar minn oġġett wieħed. Fi prodotti kumplessi, diversi oġġetti jistgħu jingħaqdu jew jiġu mmuntati flimkien b'diversi modi. Pereżempju, dawn jistgħu jiġu mmuntati jew magħquda b'mod mekkaniku bl-użu ta' sustanza(i)/taħlita(iet) kif muri fil-Figura 1 Il-mistoqsija dwar jekk prodott kumpless innifsu jistax jissodisfa d-definizzjoni ta' oġġett tibbaża unikament fuq determinazzjoni skont il-kriterji stabbiliti fid-definizzjoni tal-Artikolu.

<sup>1</sup> Iż-Żona Ekonomika Ewropea hija magħmula mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein, min-Norveġja u mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> "Skart" kif iddefinit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (Direttiva 2008/98)




Figura 1: Tipi ta' prodotti kumplessi

## 2.2 X'inhu rilaxx intiż ta' sustanzi minn oġġetti?

Is-sustanzi jistgħu jkunu intiżi biex jiġu rilaxxati minn oġġetti bil-għan li jipprovdu funzjoni aċċessorja li ma tkunx marbuta direttament mal-funzjoni prinċipali. Ġugarell tat-tfal imfiewwaħ, pereżempju, huwa oġġett b'rilaxx intenzjonat ta' sustanzi, minħabba li s-sustanzi tal-fwieħa li jinsabu fil-ġugarelli jiġu rilaxxati bl-intenzjoni li jagħmlu l-oġġett aktar attraenti billi jipprovdu riħa pjaċevoli

## 2.3 X'inhuma s-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati?

Is-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati huma sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs), minħabba l-effetti serji ħafna tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. Dawn is-sustanzi jistgħu jinstabu fil-“Lista ta' Kandidati ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna għal Awtorizzazzjoni” (Lista ta' Kandidati)<sup>3</sup> fis-sit elettroniku tal-ECHA<sup>4</sup>. Is-sustanzi jiġu inklużi f'din il-Lista ta' Kandidati wara li jintlaħaq ftehim skont proċedura formali li dawn jissodisfaw il-kriterji biex jitqiesu bħala SVHCs.

Jekk sustanza elenkata fuq il-Lista ta' Kandidati tkun tinsab fl-oġġetti, dan jista' jinstiga obbligi addizzjonali għal kumpaniji li jipproduċu, jimportaw u jfornu dawn l-oġġetti.

## 3. Min jista' jkollu obbligi għal sustanzi fl-oġġetti skont REACH?

### 3.1 Kumpaniji li jipproduċu l-oġġetti

Kumpanija hi **produttur ta' oġġetti** jekk tipproduċi oġġetti fl-UE, irrISPettivament mill-mod kif l-oġġetti jiġu prodotti u jekk jitqegħdux fis-suq. IrrISPettivament mill-proċess tal-produzzjoni, il-kumpaniji li jipproduċu oġġetti fl-UE jista' jkollhom obbligi għas-sustanzi li jinsabu fl-oġġetti tagħhom.

### 3.2 Kumpaniji li jimportaw l-oġġetti

Il-kumpaniji li huma stabbiliti fl-UE jistgħu jimportaw oġġetti minn barra l-UE jew biex ifornuhom lill-klijenti tagħhom, biex jiġu pproċessati b'mod ulterjuri jew inkella biex jintużaw b'mod finali minnhom stess. Dawn il-kumpaniji jista' jkollhom ukoll l-istess obbligi għas-sustanzi li jkunu jinsabu fl-oġġetti importati bħall-kumpaniji li jipproduċu dawn l-oġġetti fl-UE.

<sup>3</sup> Fil-bqija ta' dan id-dokument “Lista ta' Kandidati” tfisser “Lista ta' Kandidati ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna għal Awtorizzazzjoni”

<sup>4</sup> <https://echa.europa.eu/candidate-list-table>

### 3.3 Kumpaniji li jfornu l-oġġetti

Il-kumpaniji li jqiegħdu oġġetti fis-suq fl-UE jista' jkun ukoll li jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti. Dan huwa irrispettivament minn jekk dawn jipproduċux dawn l-oġġetti huma stess jew inkella jekk jixtruhomx (għewwa jew barra l-UE). F'dan ir-rigward, il-bejjiegħa bl-imnut qegħdin huma wkoll ifornu l-oġġetti u jista' jkollhom obbligi għas-sustanzi li jinsabu fihom.

**Jekk jogħġbok innota li l-kumpaniji li jipproduċu, jimportaw u jfornu l-oġġetti jista' jkollhom ukoll rwoli oħrajn u għalhekk ikollhom obbligi ulterjuri skont REACH minn dawk deskritti fil-Gwida fil-Qosor preżenti.** B'mod ġenerali, il-kumpaniji huma mogħtija l-parir li jidentifikaw l-obbligi tagħhom billi jħaddmu n-[Navigator](#) fuq is-sit elettroniku tal-ECHA. In-Navigator jgħin lill-industrija biex tiddetermina l-obbligi tagħha skont REACH u ssib il-gwida adatta dwar kif dawn l-obbligi għandhom jiġu ssodisfati.

Barra minn hekk, l-Appendiċi 1 tal-verżjoni sħiħa tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti jiddeskrivi l-proċessi jew l-attivitajiet ewlenin ta' REACH li jistgħu jaffettwaw lill-produtturi, lill-importaturi u lill-fornituri tal-oġġetti.

## 4. X'inhuma l-obbligi għas-sustanzi fl-oġġetti skont REACH?

It-tabella li ġejja tiddeskrivi r-reġistrazzjoni (Artikolu 7(1)), in-notifika (Artikolu 7(2)) u l-obbligi tal-komunikazzjoni (Artikolu 33) għas-sustanzi fl-oġġetti.

**Tabella 1: Obbligi għas-sustanzi fl-oġġetti**

Obbligu	Ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi fl-oġġetti	In-notifika tas-sustanzi fl-oġġetti	Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti
il-bażi ġuridika fir-Regolament REACH	Artikolu 7(1)	Artikolu 7(2)	Artikolu 33
l-atturi kkonċernati	produtturi ta' oġġetti u importaturi ta' oġġetti	produtturi ta' oġġetti u importaturi ta' oġġetti	fornituri ta' oġġetti
sustanzi kkonċernati	sustanzi maħsuba għar-rilaxx minn oġġetti	sustanzi inklużi fil-Lista ta' Kandidati tas-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna għall-awtorizzazzjoni	sustanzi inklużi fil-Lista ta' Kandidati tas-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna għall-awtorizzazzjoni
limitu ta' tunnellaġġ	tunnellata waħda (1) fis-sena	tunnellata waħda (1) fis-sena	-
limitu ta' konċentrazzjoni f'oġġett	-	0.1% (w/w)	0.1% (w/w)
<b>eżenzjoni minn obbligu possibbli abbażi ta':</b>			
sustanza diġà rreġistrata għal dak l-użu (Art. 7(6))	iva	iva	le

Obbligu	Ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi fl-oġġetti	In-notifikazzjoni tas-sustanzi fl-oġġetti	Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti
I-esponiment jista' jiġi eskluż (Art. 7(3))	le	iva	le

Id-dijagramma ta' hawn taħt (Figura 2) tagħti deskrezzjoni qasira tal-istadji ewlenin li għandhom x'jaqsmu biex ikunu identifikati l-obbligi minħabba sustanzi fl-oġġetti u tidderieġi lill-qarrej għat-taqsimiet rilevanti u korrispondenti tal-Gwida sħiħa.




Figura 2: Il-proċessi ġenerali għall-identifikazzjoni tal-obbligi għal sustanzi fl-oġġetti skont l-Artikoli 7 u 33



## 4.1 Rekwiżiti għas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti:

### 4.1.1 Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti

Kwalunkwe fornitur ta' oġġett li jkun fih sustanza jrid jipprovdi lir-riċevitur tal-oġġett (Artikolu 33(1)) jew lil konsumatur (Artikolu 33(2)) bl-informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza, disponibbli għalih, meta jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Is-sustanza hija inkluża fil-Lista ta' Kandidati (ara t-taqsimha 2), u
- Is-sustanza hi preżenti f'oġġetti prodotti u/jew importati f'iktar minn konċentrazzjoni ta' 0.1% (w/w),

L-informazzjoni trid tiġi pprovduta **lir-riċevitur**<sup>5</sup> tal-oġġett **meta l-oġġett jiġi fornut** għall-ewwel darba wara l-inklużjoni tas-sustanza fil-Lista ta' Kandidati u **lill-konsumatur fuq talba** minn dak il-konsumatur, fi żmien 45 jum tal-kalendarju minn dik it-talba u mingħajr ħlas.

Jekk ma jkun hemm bżonn ta' ebda informazzjoni partikolari biex isir użu sikur mill-oġġett li jkun fih sustanza tal-Lista ta' Kandidati, eż. meta l-esponiment ikun jista' jiġi eskluż fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett inkluż ir-rimi<sup>6</sup>, **tal-inqas l-isem tas-sustanza inkwistjoni jrid jiġi kkomunikat** lir-riċevituri tal-oġġett jew lill-konsumaturi. Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta tagħmilha ċara li s-sustanza tinsab fuq l-iktar aġġornament riċenti tal-Lista ta' Kandidati u li din hi r-raġuni għall-għoti tal-informazzjoni.

Dwar dak li jirrigwarda l-obbligu li tingħata informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti b'mod ġenerali (jiġifieri komunikazzjoni mar-riċevituri u mal-konsumaturi), jekk jogħġbok innota li:

- Il-limitu ta' konċentrazzjoni tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati ta' 0.1% w/w japplika għal kull oġġett fornut. Dan il-limitu japplika għal kull oġġett ta' prodott magħmul minn iktar minn oġġett wieħed, li ngħaqdu jew li ġew immuntati flimkien (prodotti kumplessi);
- Ma hemm ebda tunnellaġġ li jinstiga dawn l-obbligi;
- Distributur li jforni l-oġġetti lill-konsumaturi ma jikkonformax mal-obbligu ta' komunikazzjoni tiegħu lil klijent fuq talba, billi sempliċement jirreferi lill-konsumatur lill-fornitur tiegħu stess, jew lill-produttur/importatur tal-oġġetti;
- L-obbligi ta' komunikazzjoni jirriżultaw mill-preżenza tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġett. Dawn l-obbligi japplikaw indipendentement minn jekk il-fornitur jafx bil-preżenza tas-sustanzi. Għaldaqstant, hu fl-interessi tal-fornitur li jfittex informazzjoni dwar il-preżenza tas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati;
- Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni fuq talba ta' konsumatur hi indipendenti minn jekk l-oġġett inxtarax minn dak il-konsumatur partikolari.

### 4.1.2 In-notifika tas-sustanzi fl-oġġetti

Notifika hija l-preżentazzjoni ta' informazzjoni speċifika dwar sustanza u l-użi tagħha fl-oġġetti, kif ukoll l-użu tal-oġġett lill-ECHA. Notifika ta' sustanza fl-oġġetti hija meħtieġa minn **produttur jew importatur tal-oġġetti** meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- Is-sustanza hija inkluża fil-Lista ta' Kandidati (ara t-taqsimha 2), u

<sup>5</sup> It-terminu "riċevituri" jirreferi għall-utenti u għad-distributori industrijali jew professjonali, iżda mhux għall-konsumaturi.

<sup>6</sup> Hu rakkomandat li jiġu ddokumentati r-raġunijiet li jwasslu għall-konklużjoni li ebda informazzjoni apparti l-isem tas-sustanza mhi neċessarja li tiġi kkomunikata biex ikun jista' jsir użu sikur mill-oġġett (ara s-sottotaqsimha 2.6 tal-Gwida sħiħa).

- Is-sustanza hi preżenti f'oġġetti prodotti u/jew importati f'iktar minn konċentrazzjoni ta' 0.1% (w/w), u
- L-ammont totali tas-sustanza preżenti fl-oġġetti kollha prodotti u/jew importati, li jkun fihom aktar minn 0.1% (w/w) tas-sustanza, ikun jaqbeż it-tunnellata metrika fis-sena għall-produttur/l-importatur.

Jekk, madankollu, tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin, ma tkun meħtieġa ebda notifika:

- Il-produttur/importatur jista' jeskludi l-espożizzjoni tas-sustanzi għall-bnedmin jew għall-ambjent waqt kondizzjonijiet ta' użu normali jew previsti b'mod raġonevoli, inkluż waqt ir-rimi (jiġifieri jista' jintwera li ma sseħħ ebda espożizzjoni tul il-ħajja operattiva tal-oġġetti u tul l-istadju tal-iskart);
- Is-sustanza diġà tkun ġiet irreġistrata għal dak l-użu (jiġifieri l-użu tas-sustanza fl-oġġett) mill-kumpanija jew minn kumpanija oħra;
- L-oġġetti jkun għew prodotti u/jew importati biss mill-produttur/importatur qabel ma s-sustanza tkun ġiet inkluża fil-Lista ta' Kandidati.

Il-limitu ta' konċentrazzjoni tas-sustanza ta' 0.1% (w/w) japplika għal kull oġġett kif prodott jew importat. Dan il-limitu japplika għal kull oġġett ta' prodott kumpless. Importatur ta' prodott kumpless hu importatur tad-diversi oġġetti li minnhom hu magħmul il-prodott kumpless, u għaldaqstant jeħtieġu jkollu l-informazzjoni neċessarja għal kull wieħed minnhom bl-għan li jkun jista' jikkonforma mal-obbligi ta' notifika. It-taqsim 3.2.2 tal-verżjoni sħiħa tal-*Gwida sħiħa dwar ir-reqwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti* tagħti aktar dettalji u xenarji rigward min huwa responsabbli li jinnotifika kull oġġett fi prodott kumpless. Din fiha xenarji illustrattivi għal prodotti mmuntati, magħquda jew miksija fl-UE u għal prodotti kumplessi importati.

In-notifika ta' sustanzi fl-oġġetti għandha ssir sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tkun ġiet inkluża fuq il-Lista ta' Kandidati.

## 4.2 Rekwiżiti għal sustanzi maħsuba li jiġu rilaxxati minn oġġetti

### 4.2.1 Ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi fl-oġġetti

Ir-reġistrazzjoni hija l-preżentazzjoni lill-ECHA ta' dossier tekniku b'informazzjoni dwar il-proprjetajiet ta' sustanza u, jekk ikun meħtieġ, rapport dwar is-sigurtà kimika li jiddokumenta l-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika għal din is-sustanza. Ir-reġistrazzjoni ta' sustanza f'oġġetti hija obligatorja għal **produttur jew importatur ta' oġġett**, dejjem jekk jiġu ssodisfati żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

- Is-sustanza hija intiża biex tkun rilaxxata mill-oġġetti prodotti u/jew importati waqt kundizzjonijiet ta' użu normali jew previsti b'mod raġonevoli, u
- L-ammont totali tas-sustanza preżenti fl-oġġetti kollha prodotti u/jew importati, li s-sustanza hija intiża li tkun rilaxxata minnhom, ikun jaqbeż it-tunnellata metrika fis-sena.

Għat-tieni kondizzjoni, jenħtieġ li jitqiesu kemm l-ammonti intiżi biex jiġu rilaxxati, kif ukoll l-ammonti li mhumiex intiżi li jiġu rilaxxati jew li anqas biss jiġu rilaxxati. Barra minn hekk, jekk jiġu prodotti u/jew importati tipi differenti ta' oġġett b'rilaxx intiż, iridu jinġabru flimkien il-kwantitajiet fl-oġġetti kollha, b'rilaxx intiż.

Jekk il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jiġux issodisfati, l-ECHA xorta waħda tkun tista' tiddeċiedi li produttur jew importatur ta' oġġett għandu jippreżenta reġistrazzjoni għal kull sustanza f'oġġett jekk l-ammont tas-sustanza jaqbeż it-tunnellata metrika fis-sena u jkun hemm suspett li s-sustanza hija rilaxxata mill-oġġett u li dan jirriżulta f'riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

F'kull każ, is-sustanza ma tkunx teħtieġ li tiġi rreġistrata mill-produttur jew mill-importatur tal-oġġett, jekk din is-sustanza tkun diġà ġiet irreġistrata għal dak l-użu (jiġifieri l-użu tas-sustanza fl-oġġett) minn kumpanija oħra.

## **5. Gwida prattika biex jiġu identifikati rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti**

Din it-taqsimha għandha l-għan li tipprovdi appoġġ partikolari fl-identifikazzjoni tar-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti deskritti fit-taqsimha 4.

### **5.1 Id-determinazzjoni ta' jekk prodott ikunx oġġett jew le**

Deċiżjoni korretta, konsistenti u dokumentata tajjeb dwar x'inhu oġġett skont REACH hija kwistjoni ewlenija, meta tiddetermina r-rwol u d-dmirijiet tiegħek bħala produttur, importatur u fornitur ta' oġġetti.

F'ħafna każijiet l-applikazzjoni tad-definizzjoni REACH ta' oġġett (ara t-taqsimha 2.1) tkun sempliċi. Id-deċiżjoni dwar jekk prodott huwiex fil-fatt oġġett jew le tista' mbagħad issir direttament billi titqabbel l-importanza ta' karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi biex tintlaħaq il-funzjoni tal-prodott, jiġifieri billi jiġu segwiti l-istadji 1 u 2 fil-fluss tax-xogħol muri fil-Figura 3. Madankollu, f'każijiet fejn ma jkunx possibbli li wieħed jikkonkludi mingħajr ambigwiżità jekk il-prodott jissodisfax id-definizzjoni ta' oġġett jew le, skont REACH, tkun meħtieġa valutazzjoni iktar dettaljata.


Qabel ma titkompla din il-valutazzjoni, jenħtieġ li jkun iġġudikat jekk il-prodott ikunx fih sustanza jew taħlita li tista' tiġi sseparata fiżikament mill-prodott (eż. billi titferra' jew tintagħsar/ ara l-istadju 3). Skont dan ir-raġunament, il-valutazzjoni tista' tikkonsisti fit-tweġib ta' serje ta' mistoqsijiet skont l-istadji 4 u 5 jew taħt l-istadju 6. Dawk it-tweġibiet jistgħu jippermettu li ssir konklużjoni dwar l-istat tal-oġġett tal-prodott.

Riżultat ta' dan il-proċess jista' jkun li l-prodott huwa kombinazzjoni ta' oġġett (li jaħdem bħala kontenitur jew trasportatur) u sustanza/taħlita, bħal skartoċċ tal-printer jew ċarruta mxarrba (wipe). Għandu jiġi nnutat li importatur jew fornitur ta' dan il-prodott hu wkoll ikkunsidrat bħala importatur jew fornitur ta' sustanza/taħlita. Jista' wkoll ikollu obbligi ta' xort'oħra minn dawk ta' importaturi u fornituri ta' oġġetti. Dan ifisser li sustanzi f'kontenitur jew fi trasportatur jistgħu eż. ikollhom jiġu rreġistrati, jew jiġu fornuti bi skeda ta' data ta' sigurtà. Għalhekk, l-importaturi u l-fornituri ta' "taħlita ta' oġġett u sustanza/taħlita" għandhom jiċċekkjaw b'mod separat jekk japplikawx obbligi fir-rigward tal-oġġett u jekk japplikawx obbligi fir-rigward tas-sustanza/taħlita.

Il-valutazzjoni ta' jekk oġġett jenħtieġx li jitqies bħala "oġġett b'rilaxx ippjanat ta' sustanza/taħlita" jew le, kif iddefinit fit-taqsimha 2.2, hi ferm rakkomandata li ssir fit-tieni stadju, qabel ma wieħed jipproċedi għall-istadji sussegwenti.

L-istadji 3 sa 6 ġew żviluppati biex isostnu valutazzjoni aktar profonda għal ċerti (sub)gruppji kbar ta' prodotti b'karatteristiċi komuni. Kun af li dawn ma jkoprux il-prodotti possibbli kollha u, għalhekk, jista' jkun li dawn ma jippermettux li tinkiseb konklużjoni finali għal prodott partikolari li jkun taħt valutazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-valutazzjoni trid tqis kunsiderazzjonijiet speċifiċi oħra li jippermettu li titwieġeb il-mistoqsija fl-istadju 2 tal-fluss tax-xogħol ta' hawn fuq.

Kull wieħed mill-istadji huwa deskritt f'aktar dettall fit-taqsimha 2.3 tal-verżjoni sħiħa tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti.



**Figura 3: Flowchart li tispjega l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni dwar jekk prodott huwiex oġġett jew le**

## 5.2 Id-determinazzjoni ta' jekk rilaxx ta' sustanza huwiex intiż jew le

Jekk sustanza hija maħsuba biex tiġi rilaxxata minn oġġett, jista' jkun li din ikollha tiġi rreġistrata skont REACH. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jkun stabbilit jekk ir-rilaxx ta' din is-sustanza mill-oġġetti huwiex intiż jew le, sabiex ikun jista' jiġi identifikat l-obbligu possibbli li din is-sustanza tiġi rreġistrata f'oġġetti.

Jekk il-funzjoni ewlenija ta' prodott hija li jwassel sustanza jew taħlita, il-prodott għandu jitqies ġeneralment bħala kombinazzjoni ta' oġġett u sustanza/taħlita. Dan it-twassil ta' sustanza/taħlita m'għandux jitqies bħala "rilaxx intiż" minn oġġetti skont REACH.

Għalhekk, sustanza titqies bħala intiża li tiġi rilaxxata minn oġġetti jekk hija tissodisfa **funzjoni ta' aċċessorju** li ma kinitx tintlaħaq li kieku s-sustanza ma ġietx rilaxxata (is-sustanzi ta' fwieħa fil-ġugarelli tat-tfal ingħataw bħala eżempju ta' dan fit-taqsim 2.2). B'kuntrast, ir-rilaxx ta' sustanza, minħabba t-tixjiħ tal-oġġetti jew tat-tkagħbir bl-użu, jew bħala effett sekondarju inevitabbli tal-funzjonament tal-oġġett, ġeneralment ma jitqiesx bħala rilaxx intenzjonat. Kull rilaxx bħal dan ma jipprovdi funzjoni proprja.

Rilaxx maħsub ta' sustanza minn oġġett ikollu jseħħ skont **kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli**. Dan ifisser li r-rilaxx tas-sustanza għandu jseħħ matul id-durata tal-ħajja tas-servizz tal-oġġett. Għaldaqstant, rilaxx ta' sustanza matul il-fażi tal-produzzjoni jew tar-rimi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett mhuwiex rilaxx intiż. Bl-istess mod, rilaxx f'inċident jew minħabba kwalunkwe forma ta' użu ħażin li ma jkunx skont l-istruzzjonijiet tal-użu tal-oġġett, ma jsirx taħt kundizzjonijiet ta' użu normali jew previsti b'mod raġonevoli u, għalhekk, ma jitqiesx bħala rilaxx intiż.

## 5.3 Determinazzjoni tal-konċentrazzjoni u tat-tunnellaġġ ta' sustanza fil-Lista ta' Kandidati f'oġġetti

Id-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati hi essenzjali biex jiġi vverifikat jekk japplikawx l-obbligi ta' **komunikazzjoni** u ta' **notifika**.

Sustanza tal-Lista ta' Kandidati tista' tiġi inkorporata f'oġġett matul il-produzzjoni tiegħu. Iktar tard din tista' tiġi inkorporata wkoll f'oġġett eżistenti (iżolat jew inkorporat fi prodott kumpless) bl-użu tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati bħala tali jew ġewwa taħlita (eż. kisjiet, primers, ażeżivi, siġillanti) u, għaldaqstant, issir parti integrali mill-oġġett (jew mill-prodott kumpless).

Tabella 2 turi diversi xenarji dwar kif tiddetermina l-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati (piż skont il-piż (w/w)) f'oġġetti.

**Tabella 2: Xenarji li juru kif tiddetermina l-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati (w/w) fl-oġġetti**

Xenarju	Kalkolu tal-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati (w/w)	Eżempju(i)
<b>I. Oġġett magħmul minn sustanza tal-Lista ta' Kandidati bħala tali jew f'taħlita</b>	Il-konċentrazzjoni tiġi kkalkolata fuq il-piż totali tal-oġġett, jiġifieri bid-diviżjoni tal-piż tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġett bil-piż totali tal-oġġett.	Oġġett tal-plastik magħmul minn taħlita (eż. siġġu fformat bl-injezzjoni, ipprintjar bil-plastik għal flokk) li fih sustanza tal-Lista ta' Kandidati
<b>II. Sustanza tal-Lista ta' Kandidati bħala tali jew f'taħlita użata għat-tgħaqqid ta' żewġ oġġetti jew iktar (prodott kumpless)</b>	Il-konċentrazzjoni tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati hi kkalkolata fuq il-piż totali tal-prodott kumpless, jiġifieri bid-diviżjoni tal-piż tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fil-prodott kumpless bil-piż totali tal-prodott kumpless.	Ara Figura 1 B).

Xenarju	Kalkolu tal-konċentrazzjoni ta' sustanza tal-Lista ta' Kandidati (w/w)	Eżempju(i)
<b>III. Sustanza tal-Lista ta' Kandidati fil-kisjiet</b>		Eżempji ta' taħlitiet tal-kisi: żebgħa, laker, verniċ, kisi funzjonali
<b>III. A) Oġġett miksi għalkollox</b>	Il-konċentrazzjoni tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġett miksi (għalkollox/parzjalment) hi kkalkolata fuq il-piż totali tal-oġġett miksi, jiġifieri bid-diviżjoni tal-piż tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġett miksi bil-piż totali tal-oġġett.	
<b>III. B) Oġġett miksi parzjalment</b>		
<b>III. C) Prodott kumpless miksi</b>	Il-konċentrazzjoni tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati hi kkalkolata fuq il-piż totali tal-prodott kumpless, jiġifieri bid-diviżjoni tal-piż tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fil-prodott kumpless miksi bil-piż totali tal-prodott kumpless.	
<b>IV. Prodotti kumplessi ħafna</b> (kombinazzjonijiet ta' prodotti kumplessi iktar sempliċi flimkien ma' oġġetti ulterjuri)	Ir-regoli tal-kalkolu stabbiliti għax-xenarji I sa III ta' hawn fuq japplikaw għal kull oġġett jew għal kull prodott kumpless iktar sempliċi.	Sufan, rota, mowbajl, karozza u inġenju tal-ajru.

Waħda mill-kundizzjonijiet tal-**obbligu ta' notifika** hi l-limitu ta' tunnellata (1) għal kull attur fis-sena għas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġetti kollha prodotti u/jew importati, f'konċentrazzjoni oġġala minn 0.1% w/w.

Il-kalkolu tal-ammont totali f'tunnellati tal-istess sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti kollha prodotti jew importati (iżolati jew inkorporati fi prodotti kumplessi) mill-istess attur jeħtieġ 3 stadji:

1. Determinazzjoni ta' jekk is-sustanza tal-Lista ta' Kandidati inkwistjoni hijiex preżenti f'limitu ta' konċentrazzjoni oġġala minn 0.1% w/w għal kull oġġett prodott jew importat.

Il-kalkolu tal-konċentrazzjoni tas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati f'oġġetti jew fi prodotti kumplessi jsir kif deskritt fit- Tabella 2.

2. Ikkalkula l-ammont f'tunnellati tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati f'kull oġġett jew fit-tip ta' oġġett prodott jew importat fis-sena meta din tkun preżenti f'livell oġġala mil-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 0.1% w/w.

3. Ikkalkula l-ammont totali f'tunnellati għall-oġġetti kollha billi tgħodd l-ammonti kkalkulati għal kull oġġett jew tip ta' oġġett skont il-punt 2 ta' hawn fuq.

Jekk l-ammont totali tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġetti kollha prodotti u/jew importati, li fihom iktar minn 0.1% w/w ta' dik is-sustanza, jaqbeż it-tunnellata (1) għal kull attur fis-sena, il-produttur/importatur hu obligat jissottometti notifika tas-sustanza fl-oġġetti lill-ECHA għal dik is-sustanza tal-Lista ta' Kandidati.

## 5.4 Determinazzjoni ta' jekk japplikawx eżenzjonijiet mill-obbligu tan-notifika

Jistgħu japplikaw żewġ eżenzjonijiet speċifiċi għan-notifika tas-sustanza fl-oġġetti:

- (a) eżenzjoni bbażata fuq l-esklużjoni tal-esponiment u
- (b) eżenzjoni għal sustanzi diġà rreġistrati għal dak l-użu.

Skont l-Artikolu 7(3), ebda notifika ma tkun meħtieġa jekk il-produttur jew l-importatur ta' oġġetti jkun jista' jeskludi esponiment lil bnedmin jew lill-ambjent matul kondizzjonijiet normali jew raġonevolment previsti ta' użu<sup>7</sup>, inkluż ir-rimi<sup>8</sup>. Produttur/importatur li jkun irid juri esklużjoni tal-esponiment irid jiżgura li l-SVHC fil-Lista ta' Kandidati ma tiġix f'kontatt ma' bnedmin jew mal-ambjent. Ir-rotot ta' esponiment kollha fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja jridu jiġu kkunsidrati (ħajja tas-servizz tal-oġġett u stadju tal-iskart) meta tiġi vvalutata l-esklużjoni tal-esponiment.

Skont l-Artikolu 7(6), notifika ta' sustanza fl-oġġetti mhijiex meħtieġa jekk is-sustanza diġà tkun ġiet irreġistrata għal dak l-użu. Dan jirreferi għal kwalunkwe reġistrazzjoni ta' dak l-użu tas-sustanza fl-istess katina tal-provvista jew kwalunkwe katina tal-provvista oħra, jiġifieri biex tkun tapplika din l-eżenzjoni min-notifika, ir-reġistrant mhux bilfors jeħtieġu jkun fl-istess katina tal-provvista bħan-notifikatur potenzjali. Sustanza diġà ġiet irreġistrata għal użu partikolari, jekk jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet:

- Is-sustanza hi l-istess bħas-sustanza diġà rreġistrata;
- L-użu hu l-istess bħall-użu deskritt f'reġistrazzjoni tas-sustanza, jiġifieri r-reġistrazzjoni tirreferi għall-użu fl-oġġett.

L-informazzjoni dwar sustanzi fil-**portal ta' disseminazzjoni tal-ECHA**, li jista' jsir aċċess għaliha mis-sit elettroniku tal-ECHA: <http://echa.europa.eu/information-on-chemicals>, normalment l-informazzjoni ma tkunx biżżejjed waħedha biex tinstilet konklużjoni fuq l-identikità ta' żewġ użi għall-finijiet ta' stabbiliment dwar jekk tapplikax eżenzjoni għal sustanzi li jkunu diġà rreġistrati.

Kun af li jistgħu jkunu meħtieġa iktar riżorsi u jista' jkun iktar diffiċli li tiġi vvalutata u ddokumentata kif xieraq l-esklużjoni tal-esponiment jew li jinstab jekk is-sustanza hijiex diġà rreġistrata għall-użu, milli li titħejja u tiġi sottomessa notifika ta' sustanza fl-oġġetti. Ġustifikazzjoni tal-eżenzjoni applikabbli għandha tkun iddokumentata sabiex tkun tista' tiġi ppreżentata lil awtoritajiet tal-infurzar fuq talba.

Kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar l-applikabilità tal-eżenzjonijiet mis-sustanza fl-obbligi tan-notifika tal-oġġetti huma pprovduti fit-taqsim 3.3 tal-Gwida sħiħa.

## 6. Kif tikkonforma mad-dmir li tikkomunika l-informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti

Il-produtturi u l-importaturi tal-UE tal-oġġetti u l-atturi kollha fil-katina tal-provvista huma meħtieġa jikkomunikaw l-isfel fil-katina tal-provvista dwar il-preżenza tas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati (ogħla minn 0.1% w/w). Jenħtieġ li l-informazzjoni kkomunikata tkun biżżejjed biex l-oġġetti li jitqiegħdu fis-suq ikunu jistgħu jintużaw b'mod sikur. Filwaqt li jenħtieġ li l-atturi industrijali/kummerċjali fil-katina tal-provvista jiksibu din l-informazzjoni f'kull każ, il-konsumaturi għandhom jitolbu l-informazzjoni. Huwa rrakkomandat li dejjem tingħata tweġiba għal talba tal-konsumatur, anki jekk ma jkunx hemm sustanzi tal-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett.

Meta jidentifika x'informazzjoni hi neċessarja li tiġi kkompilata u kkomunikata biex ikun jista' jsir użu sikur tal-oġġett, il-fornitur ta' oġġett jeħtieġu jikkunsidra l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja matul l-użu tal-oġġett. Dawn jistgħu jinkludu eż.:

<sup>7</sup> It-termini "kundizzjonijiet normali ta' użu" u "kundizzjonijiet raġonevolment previsti ta' użu" jitfissru fit-taqsim 5.2.

<sup>8</sup> It-terminu "rimi" hawn ikopri wkoll il-ħżin ta' skart. Dan l-istadju, bħala parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta' sustanza, irid jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni tal-esponiment biex tintwera l-"esklużjoni tal-esponiment".

- ipproċessar jew assemblaġġ industrijali u professjonali ulterjuri tal-oġġetti;
- imballaġġ (mill-ġdid) jew ħżin tal-oġġetti;
- użu finali industrijali, professjonali jew mill-konsumaturi tal-oġġetti, inklużi l-installazzjoni u l-manutenzjoni.

Barra minn hekk, il-fornitur jenħtieġ li jqis ir-riċiklaġġ u r-rimi tal-oġġetti kif ukoll l-użu taż-żen prevedibbli tal-oġġetti, b'mod partikolari mill-konsumaturi.

Bħala l-ewwel attur fil-katina tal-provvista tal-oġġett, produttur jew importatur ta' oġġett irid iqis l-istadji u l-attivitajiet raġonevolment prevedibbli kollha li jinvolvu l-oġġett tiegħu 'l isfel fil-katina tal-provvista tiegħu. L-atturi 'l isfel fil-katina tal-provvista, li jista' jkollhom fehim iktar preċiż ta' fejn u kif jintuża l-oġġett mill-utent(i) li jmiss tiegħu, jenħtieġ li ikoll jidentifikaw kwalunkwe informazzjoni addizzjonali disponibbli għalihom u rilevanti għall-attivitajiet li jwettqu l-klijenti tagħhom.

L-atturi kollha li jirċievu informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi fil-Lista ta' Kandidati u dwar l-użu sigur jeħtiġilhom jgħaddu kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-attur li jmiss fil-katina tal-provvista, jew lill-konsumaturi fuq talba, b'kunsiderazzjoni tal-użi mistennija u tal-kundizzjonijiet tal-użu mistennija tal-oġġett imqiegħed fis-suq.

Fil-każ ta' prodotti kumplessi, ir-reqwiżiti tal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 33 ta' REACH japplikaw għal kull oġġett, li jkun fih sustanza tal-Lista ta' Kandidati (>0.1% w/w), inkorporat fi prodott kumpless (ara l-eżempju 12 fil-Gwida sħiħa).

REACH ma jispeċifika ebda format partikolari biex tkun ipprovduta informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti. Għandek tagħżel l-iktar format xieraq għall-forniment tal-informazzjoni, skont il-kontenut u d-destinatarju tal-informazzjoni (eż. utenti industrijali jew professjonali, konsumaturi).

Ittri standard ta' tweġiba jistgħu jkunu tajbin bħala mezz ta' informazzjoni lill-konsumaturi, filwaqt li utent professjonali jew industrijali jista' jkun mgħarraf aħjar permezz ta' istruzzjonijiet ta' użu separati. Fost bosta formati possibbli, hemm ukoll sistemi jew għodod tal-IT disponibbli biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista u lill-konsumaturi.

## 7. Minn fejn issib aktar gwida

Din il-Gwida fil-Qosor għandha tipprovdi l-għajnuniet fit-teħid tad-deċiżjonijiet li huma neċessarji sabiex jiġu identifikati l-obbligi possibbli skont REACH f'dak li għandu x'jaqsam mas-sustanzi fl-oġġetti. Madankollu, nirrakkomandawlek tikkonsulta l-verżjoni sħiħa tal-*Gwida dwar ir-reqwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti* sabiex tikkonkludi jekk ir-reqwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti japplikawx jew le.

Id-dokument sħiħ tal-gwida jipprovdi spjegazzjonijiet aktar dettaljati tal-kunċetti u tal-prinċipji introdotti bid-dokument preżenti, kif ukoll eżempji.

Kumpaniji li jipproduċu, jimportaw jew li jmqiegħdu oġġetti fis-suq mhux dejjem ikollhom l-informazzjoni internament, li hi meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk humiex soġġetti għal obbligi relatati mas-sustanzi fl-oġġetti. Li jiġu identifikati sustanzi f'oġġetti u kkwantifikati l-ammonti tagħhom ikun f'ħafna każijiet possibbli biss jekk l-informazzjoni rispettiva tkun disponibbli minn persuni attivi fil-katina tal-provvista. Għalhekk, **il-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista** hi l-mod l-aktar importanti u effiċjenti għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa biex ikunu identifikati u segwiti l-obbligi skont REACH. L-analiżi kimika, għalkemm tista' tkun ta' għajnuna f'ċerti sitwazzjonijiet (eż. biex tinkiseb u tiġi kkonfermata l-informazzjoni meħtieġa għall-konformità), din tista' tagħti riżultati ambigwi u/jew tkun għalja ħafna u għaldaqstant ma tiġix irrakkomandata bħala l-istrument ippreferut biex tinkiseb l-informazzjoni.

It-taqsimha 5 tal-verżjoni sħiħa tal-*Gwida dwar ir-reqwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti* tipprovdi pariri ġenerali għall-produtturi, għall-importaturi u għal fornituri oħra tal-oġġetti dwar il-qadi ta'



dmirijiethom għall-kisba u mbagħad għall-evalwazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex ikunu konformi mal-obbligi tagħhom relatati mas-sustanzi fl-oġġetti. Dan hu partikolarment rilevanti meta l-informazzjoni ma tkunx tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-fornitur permezz tal-katina tal-provvista skont ir-rutina tas-soltu. L-appendiċi 5 tal-Gwida sħiħa jikkumplimenta dak il-parir ġenerali għall-prodotti kumplessi.

**AGENZIA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI**  
**ANNANKATU 18, P.O. BOX 400,**  
**FI-00121 HELSINKI, FINLAND**  
**ECHA.EUROPA.EU**